KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 448 (8-76)

It-Tnejn 19 ta' Diċembru 2023 fis-6.00 ta' filgħaxija

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' online bi qbil peress li s-Sindku kien indispost.

PREŻENTI:

Is-Sindku Dominic Grech
Il-Viċi Sindku Rodianne Haber
Il-Kunsillier Kurstein Sant
Il-Kunsillier Julian Borg
Il-Kunsillier Francine Farrugia (Ħarġet mil-laqgħa 6.30pm, daħlet għal-laqgħa fis-7.40pm)
Il-Kunsillier Adrian Farrugia
Il-Kunsilliera Gillian Farrugia Pace

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku preseda l-laqgħa.

**448.1** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**448.1.2** Ma kienx hemm ittri t'apoloġija.

**448.2** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Inqraw il-Minuti tas-Seduta 447. Is-Sindku ressaq il-Minuti għall-approvazzjoni. Il-Kunsiller Julian Borg issekonda. Il-Kunsill approva unanimament il-Minuti moqrija bħala dokument korrett.

**448.2.1** **Punti li joħorġu mill-Minuti**

**448.2.2** 447.9.4 Il-Kunsillier Julian Borg staqsa jekk intalbitx il-laqgħa maż-żewġ awtoritajiet biex isir follow-up tad-diversi issues. Is-Sindku qal li preferibilment issir f'Jannar għax fi żmien il-festi jkun diffiċli tiltaqa'. Malli jkollna data tkun tista' tiġi komunikata.

**448.3** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**448.3.1** Is-Sindku qal li x-xogħol fil-Family Park miexi b'ritmu tajjeb. Hu qal li tlesta il-bini tal-ħitan u ser jibda x-xogħol fuq il-lattrina, wara li tlestiet il-ġiebja. Qed isir ukoll il-proċess biex jiġu rilokati il-lampi mal-Enemalta. Is-Sindku qal li qed nistħarrġu rigward fond ta' finanzjament għall-Kunsilli lokali biex ikopru l-ispiża tal-lampi. Wara dan ikun jista' jibda x-xogħol propja infrastrutturali. Huwa qal li kien hemm xi problemi ta' rimi illegali fl-area tal-bring in site li ġew riżolti.

**448.3.2** Is-Sindku qal li rigward l-ilmenti minn residenti ta' Triq Mons. FX Mangion biex jiġu rilokati l-bins minħabba storbju bir-rimi tal-ħġieġ fil-ħinijiet ta' mistrieħ, hu qal li saret talba lil Greenpak u qed nistennew mingħandhom.

**448.3.3** Is-Sindku qal li kellmuh il-Fondazzjoni Patrimonju Siġġiewi fejn qed jiproponu proġett 'Re-inventing our old musical history', kunċert b'mużika assoċjata mas-Siġġiewi li intesiet. Is-sorti ta' din il-mużika huma il-Mużew tal-Katidral u l-post propost biex isir hija l-Knisja l-Qadima. Huwa qal li qed jagħmlu talba għal għajnuna finanzjarja mill-Kunsill u qed jitlob aktar informazzjoni dwar dan li ser iressaqha fis-Seduta li jmiss.

**448.3.4** Każ il-Qorti – Cem Kofoglu (Ref file LCS5/21)

Is-Sindku informa li hu u s-Segretarju Eżekuttiv, f'isem il-Kunsill, bħalissa għaddejjin b'ħidma mal-avukat tal-Kunsill dwar każ ta' allegat inċident fi Triq ta' Għar Lapsi, lura fis-sena 2020, fejn l-individwu ġie ċertifikat li qed isofri ġrieħi permanenti allegatament minn inċident bil-mutur meta dan waqa' f'ħofra. Huwa qal li hemm diversi fatturi mhux ċari u dubjużi f'dan il-każ. Hu qal li dan huwa każ kumplikat u serju li jista' joħloq implikazjonijiet serji fuq il-Kunsill għal tul ta' żmien.

**448.4** **Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Ma kienx hemm mistoqsijiet.

**448.5** **Kuntratti tas-servizzi tal-knis u tindif non-urban fis-Siġġiewi**

**448.5.1** **Kuntratt LCS34/20i – Tindif Non Urban**

Il-Kunsill iddiskuta r-rapport tal-contracts manager fuq ix-xogħol tat-tindif tat-toroq rurali. Is-Sindku qal li minkejja d-diversi default notices, jidher li ma kienx hemm miljorament fl-ammont u l-kwalita' ta' xogħol provdut. Is-Sindku qal li t-toroq rurali qatt ma kienu f'dan l-istat u fi snin preċedenti f'dan il-perijodu inkunu ħa nerġgħu nibdew bit-tindif fiż-żona tal-Għolja, mentri dis-sena għadna qas qbadna art u l-ilmenti ma waqfux.

Is-Sindku qal li jidher ċar li is-sitwazzjoni mhix ħa titjieb u rrakkomanda li l-kuntratt jiġi tterminat fl-aħħar tas-sena. Il-Kunsill b'mod unanimu qabel li, skond kif speċifikat fil-kuntratt LCS34/20i, Artiklu 19, u peress li ma kien hemm l-ebda miljorament minkejja iktar minn tlett 'default notices', il-Kuntratt qed jiġi tterminat fil-31/12/2023.

**448.5.2** **Kuntratt LCS23/22 - Knis**

Il-Kunsill iddiskuta r-rapport tal-contracts manager fuq ix-xogħol tal-knis tal-aħħar xhur. Is-Sindku qal li minkejja d-diversi default notices, jidher li ma kienx hemm miljorament fix-xogħol provdut, diversi toroq lanqas qatt ma inkinsu, u saħansitra lanqas toroq prinċipali bħal Pjazza u l-bypass ma huma miżmuma tal-livell li suppost aħseb u ara toroq oħrajn. Is-Sindku qal li jidher ċar li s-sitwazzjoni mhix ser titjieb u rrakkomanda li l-Kuntratt jiġi tterminat fil-31/12/2023. Il-Kunsill b'mod unanimu qabel li, skond kif provdut fil-kundizzjonijiet tal-Kuntratt LCS23/22, dan il-Kuntratt jiġi terminat.

**448.5.3** Is-Sindku qal li ntalbet direzzjoni mid-DLG fuq din is-sitwazzjoni. Sadattant qed jinġiebu tlett kwotazzjonijiet fuq iż-żewġ servizzi u tintbagħat talba formali biex sakemm joħroġ il-kuntratt, is-servizz jingħata b'direct order, bl-approvazzjoni tad-Dipartiment, u dan mill-bidu ta' Jannar 2024.

**448.5.4** Rigward is-servizz tal-knis, is-Sindku qal li ser jintalab appuntament mad-Dipartiment tat-Tindif bil-possibilta' li jiprovdulna is-servizz huma sakemm isir il-proċess tat-tenders.

**448.6** **Progress tax-xogħolijiet fi Triq Annabelle Vassallo, Triq l-Imqabba u part minn Triq Lapsi**
**u**
**448.7** **Arranġamenti tat-traffiku fi Triq il-Knisja l-Qadima u Triq San Ġakbu**

**448.7.1** Is-Sindku qal li qed isegwi mill-qrib il-proress tax-xogħol fejn iltaqa' flimkien mal-Perit tal-Kunsill ma' residenti fuq diversi issues. Hu qal li qed titlesta proposta ta' immaniġjar tat-traffiku fiż-żona inkluż Triq il-Knisja l-Qadima u Triq San Ġakbu biex tinġieb l-approvazjoni u jsir proġett b'mod ħolistiku. Hu qal li bħalissa għaddejjin b'xogħol infrastrutturali fi Triq Annabelle Vassallo fejn l-iktar li kien hemm bżonn intervent ta' livelli għall-garaxxijiet u ilqugħ tal-ilma, u wara jinbeda x-xogħol fi Triq l-Imqabba fejn ġie esproprijat parti minn ġnien biex it-triq issir skond il-linjament. Is-Sindku qal li qed iġib kemm jista' dettalji tal-andament tax-xogħolijiet b'hekk ikun jista jgħaddi l-informazzjoni lill-Kunsill.

**448.7.2** Il-Kunsillier Kurstein Sant staqsa jekk Triq Annabelle Vassallo hix ser issir one-way b'mod temporanju. Is-Sindku qal li irid jiċċekja eżatt mal-Perit tax-xogħolijiet, pero żgur ser ikun hemm arranġamenti temporanji sakemm jiġi finaliżżat ix-xogħol peress li Triq Annabelle Vassallo ser tkun lesta bl-ewwel saff dalwaqt. Il-Kunsillier Julian Borg irringrazja lis-Sindku tal-aġġornament dwar ix-xogħol u qal li importanti li l-Kunsill ikollu timeframes tax-xogħol li jkun qed jitwettaq fil-lokal. Huwa qal ukoll li hemm gandott fi Triq il-Knisja l-Qadima ma' Triq l-Imqabba li tħalla miftuħ u qiegħed ta' periklu u anka qed isiru ħsarat fil-vetturi. Saqsa wkoll jekk il-proposta tal-arranġament tat-traffiku fi Triq il-Knisja l-Qadima u San Ġakbu hix lesta 'on plan'. Is-Sindku qal li l-Perit qed jaħdem fuqha u tkun għandna f'Jannar.

**448.8** **Xogħolijiet fuq spazju miftuħ (proġett komunitarju) fiż-żona ta' Ramija**

**448.8.1** Is-Sindku informa li miexi wkoll ix-xogħol inizjali tal-proġett komunitarju, fejn kien hemm kwistjoni dwar il-ftuħ tat-trejqa li tkun aċċessibbli biss biex jingħata servizz u mhux bħala 'shortcut' għat-traffiku. Is-Sindku qal li ser jinżammu laqgħat frekwenti biex il-Kunsill ikun aġġornat bl-andament tax-xogħol. Ix-xogħol ser jibda b'ritmu tajjeb fil-bidu tas-sena u stmat li jkun finaliżżat sa Mejju.

**448.9** **Propost minn Infrastuttura Malta għal proġett tal-Girgenti junction**

**448.9.1** Is-Sindku qal li lkoll nafu kif kienet il-kundizjoni ta’ din iż-żona, u l-periklu li kienet qed toħloq. Hu qal li wara insistenza kontinwa tal-Kunsill ma’ Infrastructure Malta, kienet saret tiswija maġġuri bil-konkos, anka minħabba l-ammont kbir ta’ trakkijiet mgħobbija li jgħaddu minn din it-triq, u li allura ippeċjar normali bil-cold asphalt ma’ kienx qiegħed iżomm. Hu qal li l-uffiċċju kien qed jirċievi diversi claims għal ħsarat u jiġi diretti lil IM għad-danni. Hu qal li l-pjan oriġinali huwa li jsir arranġament differenti tar-roundabout u t-triq issir mill-ġdid. Is-Sindku qal li talab pjanta tal-arranġament propost. Ix-xogħol previst għal bidu tas-sena d-dieħla.

**448.10** **Proposta għal xogħol ta' manutenzjoni fuq l-istatwa tal-Madonna ta' Lourdes fi Triq Sta. Margerita**

**448.10.1** Is-Sindku qal li diġa’ ġew ikkurati diversi monumenti fil-lokalita’ bil-għan li jiġi priservat il-wirt kulturali vast. Hu qal li qed jinġiebu stimi biex tiġi priservata u imnaddfa l-istatwa ikona tal-Madonna ta’ Lourdes fi Triq Sta. Margerita. Hu qal li din l-istatwa hija landmark fis-Siġġiewi u sa ftit żmien ilu kien hemm persuna li tieħu ħsiebha, iżda llum anzjana u l-istatwa sfat f’telqa. Is-Sindku qal li qed issir ukoll riċerka dwar kif kienet oriġinarjament.

**448.10.2** Monumenti oħra
Is-Sindku qal li kellmuh ukoll il-Grupp tal-Armar rigward ħsarat li hemm fl-istatwa ta’ San Pawl fi Triq il-Parroċċa. Hu qal li qed jistħarreġ ma’ esperti x’intervent hemm bżonn biex jinġiebu stimi.

**448.10.3** Il-Kunsillier Julian Borg qal li membri tal-Każin Banda San Nikola ġibdu l-attenzjoni dwar xi taħżiż li sar valdaliżmu fuq il-bażi tal-monument tat-Tabib Nikola Zammit. Hu qal li probabbli dan jista’ jitneħħa b’intervent minimu. Is-Sindku qal li l-istess każin kient għamlu talba dwar ftehim biex jieżdu ħsieb dan il-monument li filfatt għadha pendenti.

**448.11** **Kumplament tal-programm t'attivitajiet tal-Milied**

**448.11.1** Is-Sindku qal li minkejja diversi ostakli anka tat-temp, il-proġramm ġie imwettaq kif pjanat. Hu qal li kien hemm ukoll diffikulta’ fil-loġistika mal-Pulizija meta suppost kien hemm kollox konfermat u anka li l-Pulizija kellhom jiġu produti mingħajr ħlas peress li l-attivitajiet saru bil-għan li jinġabru fondi għad-Dar tal-Providenza. Iżda fl-aħħar mument jidher li ma kien hemm xej konfermat u l-Kunsill kellu jħallas tas-servizzi kollha provduti, saħansitra jaqla uffiċjali tal-LESA għal clearance. Is-Sindku qal li dan ħoloq pressjoni żejda fuq l-amministrazjoni li sal-aħħar mument bqajna sakemm ġiet risolta din il-kwistjoni mal-Pulizija. Hu qal li dan ser joħloq problema fil-loġistika anka għal attivitajiet futuri li diġa kienu pjanati b’risq l-istess Dar. Is-Sindku qal li issa jmiss l-aħħar attivita’ dik tal-Milied f’Kirċippu, bil-ħsieb li nilħqu żona li qatt ma ġiet milħuqa f’attivitajiet simili. Is-Sindku qal li ser ikun hemm intervent prinċipali bil-purċissjoni tal-bambin mill-Mużew u stalls minn diversi għaqdiet u anka l-Pulizija tal-Komunita’.

**448.12** **Laqgħa tal-Lokalita’ 2024**

**448.12.1** Is-Sindku qal li skont l-Artikolu 70 (1a) tal-Att dwar il-Gvern Lokali (Kap 363), għandha ssir il-laqgħa tal-lokalita’ annwali biex jiġi diskuss il-baġit għas-sena 2024. Is-Sindku qal li fis-snin passati, l-attendenza kienet tkun fqira ħafna, u l-iskop aħħari tal-laqgħa jintilef. Għalhekk propona li din il-laqgħa tingħata xgħira differenti. Hu propona li ma ssirx fiċ-ċentru ċiviku, iżda fiċ-ċentru Santissima Trinita f’Kirċippu, nhar l-24 ta’ Jannar 2024 fis-6.00pm. Is-Sindku propona wkoll li jintbagħtu inviti lill-għaqdiet. Il-Kunsill unanimament qabel.

Il-Kunsilliera Francine Farrugia ħarġet mill-laqgħa fis-6.30pm.

**448.13 Materji konnessi mal-Awtorita' tal-Ippjanar**

**448.13.1** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lista ta' applikazzjonijiet li daħlu mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex isir xi tip ta' żvilupp fis-Siġġiewi.

**448.13.2** Il-Kunsillier Julian Borg iddikjara kunflitt ta' interess f'dawn l-applikazzjonijiet: RG1322/22, PA7044/23, PA6103/22, PA6970/23, PA6990/23.

**448.14 Rapport tal-Korrispondenza**

**448.14.1** Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat lista tal-korrispondenza mill-aħħar Seduta sal-lum.

**448.14.2** Il-Kunsillier Julian Borg irrefera għall-korrispondenza bit-titlu *'Letter for the European Parliament Contemporary Art Collection'*. Il-Kunsillier Borg qal li Seb Tanti Burlo' huwa pittur u skultur u jkun ta' preġju li artist residenti is-Siġġiewi jkollu xogħol esibit fil-Parlament Ewropej. Hu qal li t-talba ma' tinvolvix fondi iżda biss ittra mill-Kunsill bħala konferma li l-artist huwa residenti fil-lokalita'. Is-Sindku talab li t-talba tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera u d-deċiżjoni tittieħed fis-Seduta li jmiss.

**448.14.3** Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat korrispondenza mingħand il-GAL Majjistral għal ħlas ta' sħubija għal Programm Leader għal perijodu 2023-2027. L-ammont huwa kkalkulat fuq €500 għal kull Kunsillier, total ta' €3500. Is-Sindku propona l-ħlas tas-sħubija biex il-Kunsill ikun eliġibbli japplika għall-iskemi u qal li l-Kunsill għandu jagħmel użu minn dawn il-Miżuri biex jibbenefika mill-fondi offruti. Il-Kunsill unanimament qabel li titħallas is-sħubija.

**448.15 Rapport tal-ilmenti**

**448.15.1** Is-Segretarju ppreżentat ir-rapport tal-ilmenti li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

**448.16 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**448.16.1** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda tal-pagamenti.

**448.16.2** Il-Kunsillier Julian Borg ġibed l-attenzjoni dwar kontijiet relatati ma' Festa Għeneb u qal li l-ispejjeż kienu esaġerati u ma jirriflettux il-budget ta' Kunsill Lokali f'dawn l-attivitajiet meta l-fondi għal affarijiet iktar essenzjali huma limitati. Hu reġa qal li l-attivita' kienet sostanzjalment tajba iżda għandu d-dubji tiegħu kemm il-proċeduri finanzjarji, u cioe dak li jinġiebu stimi bl-aħjar offerti għal servizzi ġew segwiti. Hu qal li l-ispejjeż għal diversi items setgħu ġew ridotti drastikament u b'servizz ugwalment tajjeb, u ma jaqbilx ma' l-ispejjeż murija li huma eċċessivi u esaġerati.

**448.16.3** Is-Sindku qal li jerġa' jesieġi li kien waħdu fl-organizzazzjoni ta' din l-attivita' u ma jistenniex li Kunsilliera li ma kkollaborawx jikkummentaw wara. Is-Sindku qal li kieku hemm l-għajnuna f'dawn l-attvitajiet, il-loġistika u l-piż jistgħu jinqasmu u x-xogħol ikun aħjar u mhux jintefa kollu fuq il-ftit.

**448.16.4** Is-Sindku propona li l-Kunsill japprova l-lista tal-pagamenti. Il-Kunsilliera Julian Borg, u Gillian Farrugia Pace ivvutaw kontra. Is-Sindku, Viċi Sindku, il-Kunsilliera Kurstein Sant u Adrian Farrugia vvutaw favur. Il-pagamenti ġew aprovati.

**448.17** **Items oħra ta' xogħol ieħor li jkun meħtieġ**

**448.17.1** Il-kunsillier Julian Borg staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp fuq il-junction ta' Triq is-Siġġiewi. Is-Sindku qal li l-alternattiva għar-roundabout huma traffic calming measures fit-toroq biswit. Huwa qal li l-Perit tal-Kunsill qed jaħdem fuq il-pjanta.

**448.17.2** Il-Kunsillier Julian Borg qal li irċieva talba għal crash barrier minn residenti wara li kien hemm inċident ieħor ta' vettura li baqgħet dieħla fil-parapett, fit-tarf ta' Triq Mons Mikiel Azzopardi ma' Triq l-Imqabba. Is-Sindku talab pjanta eżatt ħalli ngħaddu t-talba lil Transport Malta.

**448.17.3** Il-Kunsilliera Francine Farrugia reġgħet daħlet għas-Seduta fis-7.40pm.

**448.17.4** Il-kunsilliera Francine Farrugia qalet li qed isiru laqgħat mal-istudenti ta' Ekoskola li qed jaħdmu b'entużjażmu. Hija qalet li ġibdu l-attenzjoni dwar li diversi għaqdiet qed jużaw bżieżaq f'attivitajiet u semmew ftehim li kien għamel il-kunsill snin ilu kontra l-użu tal-bżieżaq u d-dannu għall-ambjent. Huwa proponew li jiktbu lill-għaqdiet dwar dan.

**448.17.5** Il-Kunsillier Francine Farrugia ssaqsiet jekk hemmx pjan ta' tranġar ta' Triq il-Muża u Triq l-Andar fejn qed jisfronda. Is-Sindku qal li l-proċedura ta' xogħol ta' IM jafuha u diġa hemm pjan ta' toroq għas-snin li ġejjin. Il-Kunsillier Farrugia qalet li din it-tiswija għandha ssir mill-Kunsill jekk ma tistax issir minn IM.

**448.17.6** Is-Sindku fakkar li għada 19 ta' Diċembru, il-Kunsill kollu inkluż l-istaff amministrattiv huma mistiedna għall-attivita' tal-Milied mir-Reġjun Nofsinhar. Dettalji intbagħtu b'email.

**448.18** **Tmiem tal-laqgħa u aġġornament**

Il-laqgħa intemmet fis-7.50 ta' filgħaxija.
Is-Sindku propona li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 8 ta' Jannar 2024 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum 8 ta' Jannar 2024

Dominic Grech
Sindku

Ritienne Giorgino
Segretarju Eżekuttiv